# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Lulju, 2020.**

**Numru 18**

**Rikors numru 282/19 AE**

**Carmen Pecorella f'isimha proprju u għan-nom ta' ħutha assenti Maria Victoria *sive* Miriam Spano' residenti Sqallija u Maria Teresa Menabue residenti l-Italja, Joe Vella, Richard Vella u Paul Vella f'ismu proprju u għan-nom tal-assenti George Vella residenti l-Awstralja, ilkoll aħwa Vella bħala eredi tal-mejta ommhom Rita Vella**

**v.**

**Lino u Angele Stafrace; Perit Philip Azzopardi; Carmel Raymond Micallef f'ismu proprju u ghan-nom ta' RC Construction Limited; u Raymond Calleja**

**Il-Qorti:**

1. Illi dawn huma appell inċidentali mressaq minn kull wieħed mill-intimati, għajr għall-intimati miżżewġin Stafrace, minn sentenza mogħtija

mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Mejju, 2014 (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata"), fejn u għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti sabet lill-intimati appellanti Raymond Calleja, Carmel Raymond Micallef u RC Construction Ltd ħatja għat-tiġrif tal-fond f'numru ħamsa u għoxrin (25) Triq il-Kattidral, Sliema, li ġara fit-12 ta' April, 2000, waqt li kienu qegħdin isiru xogħlijiet ta' bini fil-fond ta' ħdejh; sabet lill-intimati appellanti Raymond Calleja, Carmel Raymond Micallef, RC Construction Limited u l-Perit Philip Azzopardi ħatja tal-mewt ta' Rita Vella li ntradmet f'darha meta ġġarfet; illikwidat id-danni dovuti lill-atturi (werrieta tal-imsemmija Rita Vella) fl-ammont ta' sitta u ħamsin elf, u tmien mitt ewro (€56,800); ikkundannat lill-intimati appellanti Carmel Raymond Micallef, RC Construction Ltd u Raymond Calleja sabiex solidalment iħallsu lill-atturi l-ammont ta' sitta u ħamsin elf, u tmien mitt ewro (€56,800); ikkundannat lill-Perit Azzopardi sabiex solidalment mal-konvenuti l-oħra, iħallas is-somma ta' għaxart elef u tmien mitt ewro (€10,800). Ordnat li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-intimati appellanti Carmel Raymond Micallef, RC Construction Limited, Raymond Calleja, u kwantu għal 25% a karigu tal-perit Azzopardi, solidalment mal-konvenuti l-oħra. Sabet li l-perit Azzopardi għandu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tiegħu;

2. Bil-kawża mibdija minnhom, l-atturi talbu li l-ewwel Qorti (i) issib li t-tiġrif tal-bini li seħħ fit-12 ta' April 2000 fi Triq il-Kattidral, Sliema, ġara minħabba negliġenza, imprudenza, imperizja u

nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti da parti tal-intimati jew ta' min minnhom; (ii) issibhom responsabbli għall-mewt ta' ommhom Rita Vella; (iii) issibhom responsabbli għall-kollass strutturali tal-fond 25, Triq il-Kattidral, Sliema, li kien propjetà ta' ommhom, liema fond safa mġarraf u sar mhux abitabbli aktar u għalhekk irid jinbena mill-ġdid; (iv) issibhom responsabbli għad-danni kollha konsegwenzjali, inkluż it-telf tal-oġġetti li ġew distrutti jew mitlufa jew imħassra kif ukoll il-valur tal-għamara li ntradmet u tkissret; (v) tillikwida d-danni kollha hekk sofferti mill-atturi, inklużi dawk ai termini ta' Artikoli 1045 u 1046 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta; u (vi) tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, iħallsu d-danni hekk likwidati u dikjarati bħala dovuti;

3. Fit-Tweġibiet Maħlufa minnhom, l-intimati appellati ċaħdu kull ħtija għal dak li ġara. Filwaqt li l-intimati miżżewġin Stafraċe, bħala s-sidien tal-fond li fih sar ix-xogħol ta' skavar, laqgħu billi qalu li huma nkarigaw persuni ta' ħila għax-xogħlijiet fil-fond, il-Perit Azzopardi tenna li s-sidien u l-kuntrattur ma mxewx mal-pjanta mħejjija minnu. Stqarr li fuq is-sit tqatta' xogħol aktar minn kemm kien miftiehem, u li ma nżammetx id-distanza minn mal-ħajt diviżorju kif huwa meħtieġ mil-liġi. L-intimat Raymond Calleja, il-persuna responsabbli mit-tqattigħ, stqarr li huwa mexa fuq id-direzzjonijiet mogħtija mill-Perit inkarigat mix-xogħol u mill-

kuntrattur, kif ukoll li huwa ħadem skond is-sengħa u l-arti, filwaqt li l-kuntrattur maħtur mis-sidien fil-vesti tiegħu personali qal li mhux il-kontradittur leġittimu, filwaqt li bħala direttur tal-kumpanija RC Construction Limited tenna li fuq xogħlu mexa skond is-sengħa u l-arti, kif ukoll taħt id-direzzjonijiet tal-perit imqabbad mill-miżżewġin Stafrace u wkoll dak imqabbad minn Rita Vella;

4. Illi biex waslet għall-imsemmija deċiżjoni, l-ewwel Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin (safejn rilevanti għall-istħarriġ tal-appelli li jinsabu quddiem din il-Qorti):

*"Il-kawza titratta dwar it-tiġrif tal-fond 25, Cathedral Street, Sliema li seħħet fit-12 ta' April 2000, u li fih kienu jghixu Rita Vella, binha Joseph Vella, u huha Anthony Mifsud. Rita Vella mietet b'rizultat tal-griehi li sofriet fl-incident. L-atturi, ulied Rita Vella, qeghdin jippretendu hlas ta' danni:*

*"- Ghal mewt ta' ommhom Rita Vella;*

*"- Tigrif tal-fond 25, Cathedral Street, Sliema li minhabba l-hsara li saritlu ma baqax abitabbli u t-telf ta' mobbli li kienu jinsabu fid-dar;*

*"Il-kawza saret kontra sitt konvenuti –*

*"1. Lino u Angele konjugi Stafrace (**Stafrace**);*
*"2. Il-perit Philip Azzopardi (**perit Azzopardi**);*
*"3. Carmel Raymond Micallef (**Micallef**) u l-kumpanija RC Construction Limited;*
*"4. Raymond Calleja (**Calleja**);*

*"Il-qorti ser tara jekk il-pretensjoni tal-atturi tregix fil-konfront ta' kull wiehed mill-konvenuti. Fl-ewwel lok hi utli li ssir riferenza ghall-kronologija tal-fatti kif graw u gew rapportati mill-perit tekniku b'mod ferm attent u preciz:-*

*"**5 ta' Lulju 1995** – Is-sid tal-fond 24 applika ghall-permess ta' zvilupp (PA0417/95) permezz tal-perit Azzopardi. It-talba kienet biex iwaqqa' l-fond numru 24 u minflok jibni basement u erba' sulari fuqu.*

*"**3 ta' Dicembru 1999** – Hareg il-permess ta' zvilupp.*

*"**23 ta' Frar 2000** – RC Construction Limited tat il-lista bir-rati ta' hlas ghax-xoghol tal-bini.*

*"**20 ta' Marzu 2000** – Beda x-xoghol ta' twaqqiegh tal-fond numru 24.*

*"**21 ta' Marzu 2000** – Il-perit Vella, perit ta' fiducja tal-atturi, tkellem mal-perit Azzopardi u qallu li ghandha tinzamma d-distanza legali.*

*"**6 ta' April 2000** – Il-konvenut Calleja flimkien mal-lavranti ta' RC Construction Limited beda jnaddaf il-materjal tal-bini li twaqqa'.*

*"**8 ta' April 2000** – Il-fond ta' Stafrace tnaddaf sa wicc il-madum. Micallef cempel lill-perit Azzopardi u ftiehmu biex it-Tlieta jiltaqghu fis-sit.*

*"**10 ta' April 2000** – Fis-sit fejn qabel kien hemm il-fond numru 24, sar skavar.*

*"**11 ta' April 2000** – Sar skavar fid-distanza ta' zewg piedi u nofs mill-hitan divizorji. Saret il-laqgha bejn il-perit Azzopardi u Micallef. Irrizulta li meta l-perit ra l-iskavar li sar, irrabja.*

*"**12 ta' April 2000** – Iggarraf il-fond. Dakinhar filghodu l-attrici Pecorella waqqfet lill-Calleja milli jkompli ghaliex rat konsenturi fil-proprjeta ta' ommha. Jirrizulta li Calleja kien qieghed inehhi l-ahjar vjegg ta' materjal mis-sit. Rita Vella cemplet lill-perit Azzopardi u wara kkomunika mal-perit Cassar u gharrfitu li fis-1.15 p.m. il-perit Azzopardi kien ser imur fil-fond. Stafrace wasal fil-post ghal habta ta' nofsinhar. Fil-post sab lil Micallef u Joseph Vella (iben Rita Vella). Rita Vella u huha Anthony Mifsud kienu ghadhom fil-fond numru 25. Micallef dahal fil-fond u hareg lil Anthony Mifsud barra mid-dar. Parti mill-fond numru 25 iggarraf meta Anthony Mifsud u Rita Vella kienu ghadhom fih.*

*"**<u>Kif sehh l-incident</u>**.*

*"Il-perit tekniku rrelata:*

> *"**75**. Jirriżulta illi waqt li kienu qed isiru xogħlijiet ta' skavar fil-fond Numru 24 ta' Stafrace, ħarġu ħsarat fil-fond Numru 25 ta' Rita Vella. Jirriżulta wkoll illi dawn ix-xogħlijiet ta' skavar saru fid-distanza ta' żewġ piedi u nofs mill-ħajt diviżorju u f'fond ta' seba' filati taħt il-livell tat-triq li man-naħa tal-fond Numru 25 ta' Vella tissarraf f'sular taħt il-livell tal-art billi l-fond Numru 25 kien madwar tlett filati għola mit-triq. **<u>Dan ix-xogħol estensiv ta' skavar mal-ħajt diviżorju dgħajjef il-pedamenti tal-istess ħajt diviżorju billi meta l-ħajt diviżorju nkixef min-naħa waħda bl-iskavar, il-ħajt diviżorju beda jiffunzjona wkoll bħala</u>***

***ħajt ta' lqugħ (retaining wall) għall-materjal li kien hemm taħt l-art ta' Vella, liema funzjoni dan il-ħajt diviżorju ma jirriżultax li kien disinjat għaliha (minħabba li kien ħajt singlu)***. *Għalkemm waqt it-twaqqiegħ tal-fond ta' Stafrace saru wkoll xi ħsarat fil-fond ta' Vella, jiġi rilevat illi dawn huma ħsarat li normalment iseħħu waqt it-twaqqiegħ minħabba fl-użu komuni tal-ħajt diviżorju.* ***Għalhekk l-esponent jikkonkludi illi kemm il-kollass tal-fond Numru 25 ta' Vella u kif ukoll il-ħsarat fil-fond Numru 24 ta' Psaila ġew ikkawżati riżultat ta' xogħlijiet estensivi ta' skavar fil-propjeta ta' Stafrace*** *(enfazi mizjuda mill-qorti).*

*"**76.** L-esponent jeskludi li xogħlijiet oħra bħal dawk li saru snin qabel fil-fond ta' terzi Numru 26 setgħu kienu l-kawża tal-inċident fil-kwistjoni, kemm billi ma jirriżultax illi dawn ix-xogħlijiet kienu niżlu daqstant fil-fond (billi kulma niżlu ftit filati taħt l-art ta' Vella billi fond Numru 26 jinsab aktar 'il fuq fit-triq) u kif ukoll billi ma jirriżultax illi dawn ix-xogħlijiet kienu fl-ewwel lok ikkaġunaw xi ħsarat estensivi fil-fond Numru 25. Il-Perit Azzopardi jsemmi wkoll il-fatt li dakinhar tal-inċident kienet għamlet ix-xita u li l-inċident seħħ riżultat ta' hekk. F'dan ir-rigward l-esponent jaqbel illi l-perkolazzjoni ta' ilma tgħin biex iċedu l-pedamenti minħabba l-pressa u t-tmermir tal-materjal (partikolarment fil-fili), madankollu din it-tip ta' ħsara sseħħ meta pedamenti ta' dan it-tip jkunu esposti u għalhekk konsegwenza tal-istess skavar. L-esponent jeskludi wkoll li xi ħsejjes tal-generator setgħu ikkawżaw l-inċident fil-kwistjoni billi ma jirriżultax illi fil-ħin tal-inċident, jew qabel, kien hemm xi ħsejjes ta' dan it-tip. Micallef argumenta wkoll li t-toqba fil-ħajt diviżorju ma' Psaila seħħet kawża ta' travu li faqa' dan il-ħajt meta waqgħet id-dar ta' Vella. L-esponent jeskludi dan ukoll billi mir-ritratti Dok. AP031205A u fol. 6 fil-proċess ta' Pecorella jidher ċar illi l-ħajt ta' Psaila waqa <u>'l barra</u>, kif jirriżulta wkoll mix-xhieda ta' Perit Katya Bonello u tal-konvenut Raymond Calleja u mir-rapport tal-Perit Carmel Busuttil (Dok. B a fol. 7 fil-proċess ta' Psaila).*

*"**77.** Mill-pjanti tal-permess (Dok. 'PA2' fol. 18 fil-proċess ta' Pecorella[1]) jirriżulta illi l-fond tal-art tal-basement ta' Stafrace kellu jkun tlett filati taħt it-triq man-naħa ta' Vella u filata taħt it-triq man-naħa ta' Psaila. Ma jirriżultax illi kien hemm xi ordni min-naħa tal-Perit Azzopardi sabiex il-fond man-naħa ta' Vella jiżdied għal seba' filati u lanqas ma hemm raġuni teknika valida min-naħa ta' Micallef li tiġġustifika dan il-fond żejjed ta' <u>erba' filati</u>. Anzi, Micallef prova jiġġustifika dan il-fond mill-interpretazzjoni tiegħu tal-istess pjanta (wara li kkalkula t-turġien, il-ħxuna tas-saqaf u l-ħxuna tal-art tal-basement), mingħajr ma talab pjanta tal-faċċata jew sezzjoni lill-Perit Azzopardi jew tal-inqas direzzjoni mingħand l-istess Perit Azzopardi dwar l-istess*

[1] Jiġi rilevat illi l-faċċata tindika għoli ta' 8 filati fil-basement filwaqt illi s-sezzjoni tindika għoli ta' 9 filati fil-basement. Dan jirriżulta billi l-art tal-basement ma tkunx tidher fuq il-faċċata iżda tkun tidher fis-sezzjoni.

*xogħlijiet ta' skavar. Anzi, jirriżulta li Micallef ipprova jbaxxi l-art tal-basement ta' Stafrace aktar minn dik proġettata mingħajr konsultazzjoni mal-Perit inkarigat.*

*"**78**. Jirriżulta wkoll illi x-xogħlijiet ta' skavar fil-kwistjoni saru fid-distanza ta' żewġ piedi u nofs mill-ħajt diviżorju, għalkemm Micallef kien infurmat mill-Perit Azzopardi illi d-distanza kellha tinżamm wara li huwa kien intalab jagħmel dan mill-Perit ta' Vella. Għalkemm il-pjanta tal-permess tindika illi l-basement ta' Stafrace kien jestendi sal-ħajt diviżorju, u ċioe' fid-distanza ta' żewġ piedi u nofs mill-ħajt diviżorju, jiġi rilevat illi hija prassi li l-pjanti jsiru hekk billi d-deċiżjonijiet proprja dwar l-iskavar u l-metodu tal-bini tal-pedamenti jsiru mill-Perit waqt ix-xogħlijiet. Hija prassi li l-kuntrattur jitlob direzzjoni mill-Perit fir-rigward tal-fond tal-iskavar u ma joqgħodx biss fuq il-pjanti. Għalkemm Micallef ikkonferma li l-Perit Azzopardi qallu biex iżomm id-distanza ta' żewġ piedi u nofs, Micallef qal li l-Perit Azzopardi kien qed jirreferi għall-blat (billi hu ma qattax blat) u l-istess Micallef iġġustifika wkoll dan il-fatt billi l-materjal kien artab u beda jiżvara. Madankollu, f'dan ir-rigward jiġi rilevat illi l-liġi tirreferi għal "tħaffir ieħor għal kull ħsieb li jkun" (Artikolu 439 tal-Kap. 16), indipendentament jekk hux materjal artab jew blat[2]. Anzi, f'materjal artab ikollhom jittieħdu aktar prekawzjonijiet milli kieku kien blat, fosthom li tinżamm distanza aktar minn żewġ piedi w nofs jekk ikun il-każ, li x-xogħlijiet isiru parti parti u kif ukoll li jsir l-irfid tal-pedamenti.*

*"**79**. Jiġi rilevat ukoll illi għalkemm il-Perit Azzopardi allarma ruħu lejliet l-inċident meta ra l-estent tal-iskavar u qal lill-kuntrattur sabiex jirfed malajr bil-konkos, dakinhar tal-inċident il-kuntrattur xorta waħda baqa' għaddej bix-xogħlijiet ta' skavar.*

*"**80**. Matul il-proċeduri ssemmew ukoll xogħlijiet rimedjali, wara li lejliet l-inċident il-Perit Azzopardi allarma ruħu u qal lil Micallef li bl-iskavar li sar kien qed "jipperikola l-ħajt". Mill-gravita tas-sitwazzjoni ma jidhirx li kien hemm xi soluzzjoni faċli sabiex jiġi evitat l-inċident billi mhux lakemm li wieħed jitfa' l-konkos jew jerġa' jordom is-sit billi hemm ċans kbir li wieħed jagħmel aktar ħsara waqt li saħansitra jesponi lill-ħaddiema għall-periklu. Kien ikun aktar idonju li kieku sar sforz dirett qawwi - kemm min-naħa tal-Perit Azzopardi u kif ukoll min-naħa tal-kuntrattur - sabiex jiġu evakwati l-ġirien. Kulma sar kien li l-Perit Azzopardi ħalla f'idejn il-kuntrattur biex jiddeċiedi jekk hemmx periklu u kif ukoll biex l-istess kuntrattur jiddeċiedi għandhomx jiġu evakwati l-ġirien meta Micallef ċempel lill-Perit Azzopardi dakinhar tal-inċident filgħodu. Huwa minnu li jirriżulta li kien hemm ċertu intransiġenza mill-vittma Rita Vella sabiex toħroġ mill-post dakinhar tal-inċident - aħseb*

[2] Sentenza tas-**27/11/2009** Ċit. Nru 278/1992RCP fl-ismijiet ***Rossi vs Caruana***.

*u ara kemm kienet ser toħroġ lejliet l-inċident meta s-sitwazzjoni kienet tidher inqas gravi - madankollu jidher li lejliet l-inċident ma sar xejn f'dan ir-rigward għalkemm ġie osservat il-periklu.*

*"**81. Għalhekk jirriżulta illi kien hemm nuqqasijiet gravi mill-kuntrattur fix-xogħlijiet ta' skavar li saru ad insaputa tal-Perit Azzopardi li wasslu għall-kollass tal-fond Numru 25 tal-atturi. Il-kuntrattur kien Calleja li ħadem bil-gaffa u għenuh lavranti ta' R.C. Construction Limited. Calleja kien qed jaġixxi bħala subcontractor ta' R.C. Construction Limited kif rappreżentata minn Micallef.***

*"Hadd mill-konvenuti ma ressaq xi prova li tista' twassal lill-qorti biex tiskarta l-opinjoni li esprima l-perit tekniku dwar x'wassal biex jikkollassa parti mill-fond numru 25. Ghalhekk din il-qorti ser taddotta l-fehma tal-perit tekniku bhala l-ahjar prova, mejqus li din hi materja ta' natura teknika u tidher li hi motivata tajjeb. Ir-riferenza li saret:*

*"(a) ghal xoghol li snin qabel sar fil-fond numru 26, m'hijiex valida. Mill-provi ma rrizultax li meta sar dak ix-xoghol kienet saret hsara fil-fond numru 25 li setget kellha xi konsegwenza fuq l-istabbilita' tal-bini. Mir-ritratti esebiti jidher li l-fond numru 26 kien jinvolvi zvilupp konsiderevoli (ara ritratt **"A"** a fol. 6). 'Il fatt li meta sar dak l-izvilupp ma rrizultax li saret hsara strutturali fil-fond numru 25, hu fih innifsu indizju iehor li jkompli jsahhah il-konkluzjonijiet li wasal ghalihom il-perit tekniku fir-rigward ta' x'wassal sabiex sehh dan l-incident.*

*"(b) ghall-hsejjes ta' generator li kienu gejjin minn fond fil-vicinanzi. Allegazzjoni fqira li ghamel Micallef minghajr qatt ma giet issostanzjata.*

*"**Responsabbilta'**.*

*"(A) **Lino u Angele konjugi Stafrace**.*

*"Il-konjugi Stafrace kienu s-sidien tal-fond numru 24, Cathedral Street, Sliema. Jirrizulta li Stafrace kienu nkarigaw lil RC Construction Limited sabiex twaqqa' l-fond u tibni blokk appartamenti.*

*"Mill-provi ma jirrizultax li Stafrace taw xi struzzjonijiet lill-kuntrattur li kienu differenti minn dak li ta l-perit Azzopardi. F'dan ir-rigward jinghad li ma rrizultax li Stafrace qalu lill-kuntrattur:*

*". sabiex ma josservax id-distanza legali;*

*". sabiex jiskava iktar l-isfel minn dak li ried il-perit Azzopardi. Fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2010 il-perit Azzopardi xehed: "Lis-sinjuri Stafrace nafhom bhala nies mhux zviluppaturi tal-bini. Naqbel li s-Sinjuri Stafrace ma kellhomx jidhlu fid-direttivi lill-kuntrattur u li dawn kellhom isiru minni. **Milli naf jiena, is-Sinjuri Stafrace qatt ma taw***

***direttivi lill-kuntratturi**” (enfazi mizjuda, fol. 121-122). Hu veru li fis-seduta tad-9 ta’ April 2010 l-istess xhud qal li meta staqsa lill-kuntrattur ghalfejn kien skava daqshekk: “Qalli li l-ewwelnett il-materjal hu artab hafna u t-tieni s-sidien ma xtaqux daqshekk tarag biex jitilghu ghall-ground floor” (fol. 119). Verzjoni li rega’ ta meta xehed quddiem il-qorti fl-24 ta’ Ottubru 2011. Dakinhar qal ukoll li hu fehem li l-kuntrattur kien ipprova jaqdi lil Stafrace “…pero m’ghandi xejn cert” (fol. 205). Din il-verzjoni qatt ma giet konfermata minn Micallef. Min-naha tieghu Stafrace cahad li qatt ta xi direttiva simili lill-kuntrattur. Il-perit Azzopardi stess xehed li “Meta ippjanajna u lestejna l-pjanti Stafrace mieghi kien tkellem. Stafrace kien jaf li ser ikollu dak it-tarag fil-progett skond kif ghamilt il-pjanti jien. Stafrace qatt ma lmentali kif ghidt dwar il-mod kif kont qed nipproponi l-bini” (fol. 205). Lanqas ma rrizulta li Stafrace qatt qal lill-perit li xtaq li l-basement ikun iktar l-isfel mill-mod kif kien jidher fil-pjanti tal-permess ta’ zvilupp. Haga li kienet tfisser li l-binja ma kenitx tkun konformi mal-permess ta’ zvilupp. Il-qorti tikkonkludi li a bazi tal-provi li tressqu m’hijiex konvinta li l-kuntrattur agixxa fuq ordni li tah Stafrace. Fin-nota ta’ sottomissjonijiet l-atturi semmew (fol. 649) li waqt is-seduta numru 37 Carmel Raymond Micallef kien qal li **jahseb** li Stafrace kien jaf kemm gholi kien ser jinzel mil-livell tat-triq. Il-kawzi ma jigux decizi fuq dak li jahseb xhud. B’dak li qal ix-xhud ta lok ghal dubju. Il-perit Azzopardi stess xehed “Jiena ma nafx jekk is-sidien tawx struzzjonijiet lill-kuntrattur sabiex isir it-thammil iktar milli suppost skond il-pjanta. Li naf zgur li lili s-sidien ma staqsewnix biex ninzlu aktar. **Naqbel li l-kuntrattur qatt ma qalli li Stafrace qallu biex jinzel daqshekk, cjoe’ aktar minn tlett filati**” (enfazi mizjuda, fol. 119). Hu veru li jista’ jsir argument li b’dak li ghamel il-kuntrattur, Stafrace kienu ser jeliminaw it-tarag u jaghmlu l-access ghall-hanut iktar komdu. Pero’ min-naha l-ohra dan kien ser ifisser ukoll:*

*“(a) Li l-fond ma jinbeniex skond il-permess ta’ zvilupp. Ifisser li l-bini kien ser ikun irregolari. M’hemmx prova li l-perit Azzopardi qatt intalab biex japplika ghall-emenda tal-permess ta’ zvilupp;*

*“(b) Iktar spejjez ghall-konjugi Stafrace sabiex tithaffer iktar art.*

*“Meqjus dawn il-fatturi, il-qorti ma tarax verosimili li Stafrace taw ordni lill-kuntrattur sabiex ihaffer iktar fil-fond.*

*“L-Artikolu 1037 tal-Kodici Civili jipprovdi:*

> *“Kull min ghal xi xoghol jew servizz iehor iqabbad persuna mhux ta’ hila, jew illi hu ma jkollux ragun jahseb li hija ta’ hila, hu obbligat, ghall-hsara illi dik il-persuna, minhabba n-nuqqas ta’ hila taghha, tikkaguna lil haddiehor fl-esekuzzjoni tax-xoghol jew servizz hawn fuq imsemmi.”.*

*“Mill-provi ma rrizultax li RC Construction Limited kienet teknikament manifestament inidoneja sabiex twettaq ix-xoghol li Stafrace nkarigwaha biex taghmel.*

*“(B)* ***Perit Philip Azzopardi****.*

*“Mill-provi rrizulta kif il-perit Azzopardi ma kienx infurmat li ser jibda t-thaffir. Fil-fatt hu kien miftiehem mal-kuntrattur li jiltaqghu fis-sit. Madankollu meta l-perit Azzopardi mar fil-post kien irrizulta li kien sar thaffir. Fil-fatt irrabja meta ra x’kien sar.*

*“Dwar id-distanza legali, Micallef xehed:*

> *“Dwar distanza mill-hajt divizorju d-diskors li sar kien f’kaz li jitqatta’ l-blat. Blat ma tqattax” (seduta 23 ta’ Novembru 2007, fol. 556).*

*“Quddiem il-qorti xehed:*

> *“Normali meta nhammlu nsibu sal-blat. Il-perit qalli biex meta nsibu l-blat inhallu l-ispazju ta’ zewg peidi u nofs fuq kull naha” (3 ta’ Ottubru 2011, fol. 153).*

*“Madankollu l-perit Azzopardi xehed li waqt li kien qieghed jitwaqqa’ l-fond numru 24, kienet fegget konsentura; “F’dik l-istanza, l-ghada cempilli l-Perit Cassar u nfurmani li l-pedamenti kienu turbazz u li jezigi d-distanzi tas-2’6”. Jiena qbilt u qatt ma kelli problema biex dan ma jsirx” (fol. 442). Il-perit Charles Cassar, inkarigat mill-familja Vella, qal: “Kont ghidtlu wkoll li l-klijenti tieghi kienu qed jezigu li d-distanza regolamentari taz-2’6” fl-eskavazzjoni tigi rispettata” (fol. 426). Inoltre, l-istess xhud ikkonferma li fil-21 ta’ Marzu 2000 wara li hareg mill-fond numru 25: “…. Iltqajt mas-Sur Stafrace u l-kuntrattur li kien qed iwaqqa’ u irrepetejtilhom dak li kont ghidt lill-Perit”. Ghalhekk il-qorti ma tqiesx verosimili l-verzjoni li ta Micallef.*

*“Micallef xehed ukoll: “Jien zammejt mal-gholi li qalli l-Perit Azzopardi” (fol. 155). Il-qorti lanqas temmen din il-verzjoni, meta tqies:*

*“(a) Il-pjanta PA2 fol. 18.*

*“(b) Meta mar fil-post u l-perit Azzopardi ra x’kien ghamel il-kuntrattur, irrabja. Fatt konfermat minn Micallef stess ghalkemm qal li ma jafx ghalfejn il-perit irrabja. Il-perit Azzopardi qal: “It-Tlieta filghodu mort fil-post u sibt illi l-kuntrattur kien haffer mill-inqas seba’ filati l-isfel minn wicc it-triq. Lill-kuntrattur jiena rrabjajt mieghu. Ghidtlu ‘Hawn x’ghamilt ? Jien mhux tliet filati ghidtlek biex tinzel ?’” (seduta 24 ta’ Ottubru 2011, fol. 199). Il-qorti ma temminx li Micallef ma jafx ghalfejn il-perit kien irrabja. Fil-fatt Calleja xehed: “Dakinhar jiena kont smajt lill-perit Philip Azzopardi jghid lil Micallef illi* ***ma sarx ix-xoghol kif miftiehem*** *u qallu ‘Irfed illum qabel ghada’. Kien qed jirreferi ghall-hitan divizorji” (seduta tat-3 ta’ Ottubru 2011, fol. 144).*

*“Il-perit tekniku, in eskussjoni, qal: “Mir-ritratti li rajt jien ikkonkludejt li l-post kien* ***f’periklu imminenti*** *li jiggarraf” (enfazi mizjuda, fol. 613). Qal ukoll li fil-fehma tieghu f’dak l-istadju “… ma kenitx option li jsir xi xoghol rimedjali. Kieku sar xi tentattiv f’dan is-sens min jaghmel ix-xoghol ikun*

*qieghed f'periklu car, jista' iwassal ghall-mewt tan-nies.". Il-perit Azzopardi xehed: "Allarmajt ruhi l-ewwel darba, pero mhux allarmat fis-sens ta' xi haga gravi u imminenti meta mort fuq il-post u rajt dak il-fond ta' kollu nhsadt. Tlabt li ma jkomplix ihammel u li jaghti l-konkos mal-hajt. Jiena ordnajt li kellu jsir dakinhar stess billi kien nizel xi nofs filata aktar mill-pedamenti u b'hekk kixef il-materjal ta' taht u ghalhekk ordnajt il-konkos biex dak il-materjal jigi protett" (seduta 17 ta' Mejju 2010, fol. 122). Hu evidenti li l-perit ghamel konsiderazzjonijiet zbaljati. Fil-fehma tal-qorti l-perit Azzopardi ghandu jwiegeb ghall-mewt ta' Rita Vella, meta tqies:*

*"(i) Naqas milli jispezzjona l-fond numru 25 meta rrizultaltu t-thaffir li kien sar u llimita ruhu sabiex ighid lill-kuntrattur biex jaghmel xoghol rimedjali;*

*"(ii) Naqas milli jaccerta ruhu li x-xogholijiet rimedjali saru dakinhar stess, kif qal li ordna lill-kuntrattur.*

*"(iii) Il-perit tekniku stess esprima l-fehma li "Mill-gravita' tas-sitwazzjoni ma jidhirx li kien hemm xi soluzzjoni facli sabiex jigi evitat l-incident billi mhux lakemm li wiehed jitfa' l-konkos jew jerga' jordom is-sit billi hemm cans kbir li wiehed jaghmel aktar hsara waqt li sahansitra jesponi lill-haddiema ghall-periklu. Kien ikun aktar idoneju li kieku sar sforz dirett qawwi" (fol. 374).*

*"(iv) Naqas milli jiehu prekawzjonijiet. Il-perit qal li kien mar lura d-dar u "meta dhalt norqod kelli f'mohhi illi Micallef wettaq l-ordni tieghi. Ma qaghadtx nivverifika mieghu jekk ghamilx dak li ghidtlu jien u dan fuq l-esperjenza precedenti li kelli mieghu fl-Imperial Hotel" (fol. 202). Fil-fehma tal-qorti dan m'huwiex agir responsabbli ta' professjonist. Kif qatt il-perit Azzopardi seta' jserrah rasu li l-kuntrattur ser jaghmel kif qallu wara dak li kien gara, cjoe' meta rrizultalu li ma osservax id-distanza legali u kien haffer iktar milli suppost? Sahansitra l-perit Azzopardi qal: "Nikkonferma li fil-lejl meta mort jien, ghamlet ix-xita. Kienet ghamlet 7.7 millimetru f'tas-Sliema. Ma' Malta kollha ghamlet iktar…. Il-fehema tieghi hi illi ccarcar l-ilma. Ghalkemm il-blat m'huwiex dghajjef, fil-fehma tieghi xorta ceda bl-ilma. Dahal l-ilma fil-pedamenti, saru l-konsenturi u ceda" (fol. 201). Il-perit tekniku ma jidhirx li jaqbel ma' din il-verzjoni[3]. Madankollu jekk wiehed kellu jaccetta l-opinjoni tal-perit Azzopardi, il-qorti ma tifhimx kif perit tal-affari tieghu ma setax jipprevedi li jekk taghmel ix-xita kien ser ikun hemm periklu li jiggarraf il-bini. Iktar u iktar kien mehtieg li jittiehdu mizuri u jigi zgurat li r-residenti tal-fond numru 25 jinhargu, jekk hemm bzonn bl-intervent tal-pulizija. Il-perit Azzopardi stess xehed li lill-kuntrattur qallu: **"B'dak li ghamilt qed tipperikola dak il-hajt"** (Dan b'riferenza ghall-appogg mat-25)" (fol. 443). Mela l-perit Azzopardi kien konxju li jezisti periklu li jiggarraf il-hajt divizorju ta'*

[3] *"F'dan ir-rigward l-esponent jaqbel illi l-perkolazzjoni ta' ilma tghin biex icedu l-pedamenti minhabba l-pressa u t-tmermir tal-materjal (partikolarment fil-fili), madankollu dan it-tip ta' hsara ssehh meta pedamenti ta' dan it-tip ikunu esposti u ghalhekk konsegwenza tal-istess skavar"* (fol. 372).

*bejn il-fond numru 25 u s-sit fejn qabel kien hemm il-fond tal-atturi. Dan irrispettivament kien periklu imminenti jew le.*

*"Ghal dak li jirrigwarda l-hsara li saret fil-bini tal-atturi, m'ghandux htija. Meta l-perit Azzopardi sar jaf li ma nzammitx id-distanza legali u l-gholi li thaffer, skond l-opinjoni tal-perit tekniku is-sitwazzjoni kienet diga' kompromessa. Il-perit Azzopardi m'ghandux jaghmel tajjeb ghan-negligenza ta' haddiehor. Id-difetti fil-fond numru 25 hargu mhux minhabba li l-perit Azzopardi ghamel xi haga hazina. Ghalhekk il-perit Azzopardi m'huwiex responsabbli ghat-tigrif tal-bini.*

*"(C)* ***Carmel Raymond Micallef u RC Construction Limited****.*

*"Jirrizulta li l-izvilupp kien qieghed isir minn RC Construction Limited. Micallef isostni li m'huwiex il-legittimu kontradittur ghaliex Stafrace kienu taw l-appalt lil RC Construction Limited. Il-qorti hi tal-fehma li Micallef ma jistax jahrab mir-responsabbilta'. Mill-atti jirrizulta li hu azzjonist maggoritarju u l-uniku direttur tal-kumpanija (ara fol. 183-184). Mill-provi hu evidenti li kienet decizjoni tieghu li ma tinzammx id-distanza legali u li jsir it-thaffir li sar. Hu evidenti li n-negozju tal-kumpanija RC Construction Limited kien bazat fuq l-esperjenza ta' Micallef, li hu stess xehed li kien ilu jahdem fl-industrija tal-bini minn eta' zghira. Il-qorti taghmel riferenza ghall-kaz Ingliz* ***Rainham Chemical Works Ltd (in liq) v Belvedere Fish Guaon Co. Ltd*** *(1921) li kien jitratta manifattura ta' splussiv li ghamel hsara fil-proprjeta' tal-girien wara spluzjoni. Zewg diretturi gew dikjarati li m'humiex responsabbli peress li ma kienux personalment ordnaw l-att li kkaguna l-hsara. Lord Bukmaster osserva:*

> *"If a company is formed for the express purpose of doing a wrongful act or if, when formed,* ***those in control expressly direct that a wrongful act be done****, the individuals as well as the company are responsible for the consequences, but there is no evidence in the present case to establish liability under either of these heads." (enfazi tal-qorti).*

*"Ragunament li fil-fehma tal-qorti japplika wkoll fix-xena lokali meqjus li l-Artikolu 1031 jipprovdi: "Izda, kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu".*

*"F'dan il-kuntest ukoll, f'kaz iehor Ingliz "Koninklijke Philips Electronics NV v Prico Digital Disc GmbH the defendant director was in charge of the day-to-day running of the defendant company. It was admitted that the company imported into the UK and kept and disposed of recordable CDs of a kind that the court previously had held infringed the claimant's patent. The director had been responsible for the decision to import the infringing CDs into the UK and for the cultivation of A as a customer for those products. The director also made a decision to indemnify A against liability for royalties when the claimant sued A for infringement. The court concluded that the director's close involvement with the day-to-day actions of the company, and his independent authority in respect of those actions, were sufficient to render him liable as a joint tortfeasor*

*with the company" (Company Law, Brenda Hannigan, Tielet Edizzjoni, Oxford (2012) pagna 70).*

*"Dan apparti li bhala direttur tal-kumpanija li kellu l-kontroll effettiv taghha, Micallef kellu duty of care li jizgura li ma ssirx hsara lill-girien. Il-kuntrattur kellu d-dmir li jizgura li l-attivita' li kienet qeghda ssir fis-sit ma tirrizultax fi hsara fil-proprjeta' tas-sidien.*

*"Ir-responsabbilta' ta' dawn il-konvenuti tirrizulta mill-fatt li:-*

*"i. Ma nzammitx id-distanza legali (Artikolu 439 tal-Kodici Civili).*

*"ii. Sar thaffir iktar milli kellu. Micallef xehed: "Id-decizjoni ta' kemm kelli ninzel kienet skond il-pjanta u nsibu l-blat" (fol. 578). Li kieku zamm mal-pjanti ma kienx ser ihaffer gholi ta' seba' filati min-naha fejn is-sit kien jikkonfina mad-dar ta' Vella.*

*"Micallef qal li mis-sit fejn qabel kien hemm il-fond numru 24, tnehha biss terrapien u mhux turbazz (fol. 153 u 207), u li t-turbazz kien deher wara li "konna naddafniha u dan wara li sehh l-incident" (fol. 153). Ukoll jekk wiehed kellu jemmen din il-verzjoni, hu evidenti li ghamel hazin fis-sens:*

*"(a) L-istruzzjonijiet tal-perit Azzopardi kienu li trid tinzamm id-distanza legali. Sahansitra, il-perit Azzopardi qal: "Ghall-ammont ta' thammil li ghamel, 2'6" ma kienx bizzejjed" (fol. 479);*

*"(b) Jekk hu veru li terrapien biss kien hemm taht il-fond numru 24, messu ma kompliex inehhi l-materjal izda sejjah lill-perit Azzopardi fuq il-post sabiex jiehu struzzjonijiet minghandu. Il-kuntrattur kien jaf li l-blat kien turbazz[4]. Ma kellu l-ebda dritt li jiehu decizjonijiet dwar x'ghandu jsir.*

*"(ċ) Tant Micallef ma segwiex l-istruzzjonijiet tal-perit Azzopardi li meta fil-11 ta' April il-perit mar fil-post u ra x'kien ghamel il-kuntrattur, irrabja u qallu li ma kellux jinzel dak l-gholi kollu. Hu evidenti li l-kuntrattur ghamel fattieh. F'sit ta' kostruzzjoni hu l-perit tal-progett li jaghti l-ordnijiet u jiehu decizjonijiet ta' natura teknika, u mhux il-kuntrattur.*

*"Il-qorti tosserva wkoll kif fil-verbal tal-access tal-perit Doublet, li sar fit-13 ta' Marzu 2001, jinghad: "….il-fatt li l-hajt divizorju (l-imgarraf) bejn in-numru 25 u 24 kellu l-pedamenti in parti mibni fi trinka li saret fit-turbazz u li parti mill-eskavazzjoni fin-numru 24 kienet mil-livell tal-qiegh ta' din it-trinka li saret fit-turbazz u li parti mill-eskavazzjoni fin-numru 24 kienet mil-livell tal-qiegh ta' din it-trinka 'l fuq u parti l-isfel mill-istess qiegh,……" (fol. 433). Fatti li fil-fehma tal-qorti juru li, kuntrarjament dak li qal Micallef, fl-iskavar mhux terrapien biss tnehha. F'dan ir-rigward*

[4] Fil-verbal ta' access li ghamel il-perit Frederick Doublet, 13 ta' Marzu 2001, jinghad: *"Gie nnotat il-kwalita' ta' blat taht il-pedamenti (turbazz)…."* (fol. 433).

*issir ukoll riferenza ghal dak li xehed Calleja: "…. Filghodu kif wasalt startjajt il-gaffa biex inkompli u harget Carmen Pecorella u qaltli biex ma nkomplix, u jien waqaft. Jiena kont bdejt innehhi s-2'6" minn mal-hajt ta' wara u dort fuq in-naha ta' Vella u min-naha ta' Vella kont qbizt il-hajt tas-sejjieh, b'kemm ma niftakarx" (seduta tal-4 ta' Marzu 2002, fol. 469). Jidher ghalhekk li l-kuntrattur kien kompla bix-xoghol.*

*"(D)* ***Raymond Calleja****.*

*"Dan kien il-persuna li gie nkarigat mill-kuntrattur inehhi l-materjal tal-bini u jaghmel l-iskavar. Fin-nota ta' sottomissjonijiet (6 ta' Dicembru 2013) qal:*

> *"Calleja uza biss gaffa u ma uza l-ebda apparat iehor bhal per ezempju musmar biex iqatta' l-blat. Dan ghaliex ma kienx hemm blat imma materjal ta' kostruzzjoni. Calleja kien ftiehem li kellu jnaddaf sal-livell tat-triq".*

*"Il-qorti ma taqbilx ma' dan ir-ragunament, meta tqies li:*

*"i. Calleja ma nehhiex biss il-materja tal-bini tal-fond numru 24 li twaqqa'. Hu skava wkoll bl-uzu ta' gaffa kbira. 'Il fatt li ma ghamilx uzu minn "musmar biex iqatta l-blat" ma jfissirx li ma ghamilx skavar. Irrizulta kif bl-uzu ta' gaffa huwa nehha wkoll turbazz.*

*"ii. Hu veru li Calleja obda l-ordnijiet li tah Micallef. Pero' b'daqshekk ma jfissirx li m'huwiex responsabbli. Kien Calleja li nehha l-materjal.*

*"iii. Ix-xoghol li gie mqabbad jaghmel Calleja huwa min-natura tieghu perikoluz. Calleja kellu dmir, irrispettivament min dak li seta' qallu biex jaghmel il-kuntrattur, li josserva l-ligi u jiehu l-prekawzjonijiet. Fil-fehma tal-qorti Calleja:*

*"(a) mar kontra dak li jipprovdi l-Artikolu 439 tal-Kodici Civili, cjoe': "Hadd ma jista' jhaffer fil-fond tieghu bjar, gwiebi, jew latrini, jew jaghmel thaffir iehor ghal kull hsieb li jkun, f'boghod ta' anqas minn sitta u sebghin centimetru mill-hajt divizorju". Hu veru li dan il-provvediment qieghed jirreferi ghas-sid tal-fond, tant hu hekk li jirreferi ghal thaffir* ***"…fil-fond tieghu"****. Madankollu din id-disposizzjoni taghmilha cara li ma jistax isir thaffir f'distanza ta' inqas minn 76 centimetru. Mela ladarba Calleja ghazel li jobdi l-ordni li tah il-kuntrattur u jmur kontra dak li tghid il-ligi, irid igorr ir-responsabbilta' u jwiegeb ghad-danni li sofrew it-terzi b'rizultat tal-agir tieghu.*

*"(b) Fil-fehma tal-qorti thaffir hu operat perikoluz, iktar u iktar meta ghandek sit li m'huwiex kbir fid-daqs u mehud in konsiderazzjoni t-tip ta' materjal li kien hemm. Persuna li hi tas-sengha u taghmel it-tip ta' xoghol li ghamel Calleja kellha d-dmir li qabel tibda x-xoghol tara l-pjanta tal-permess ta' zvilupp u titkellem ukoll mal-perit tal-progett sabiex tinghata struzzjonijiet dwar il-mod kif isiru x-xogholijiet. Ma*

*jirrizultax li qabel beda x-xoghol Calleja kien tkellem mal-perit Azzopardi. Hu hadem skond ma qallu Micallef. Kif irrizulta mir-rapport tal-perit tekniku, kien b'rizultat tax-xoghol li ghamel Calleja li ggarraf parti mill-fond numru 25. Hu evidenti li Calleja ipproceda skond l-ordni li tah Micallef. Ladarba ghazel din it-triq, irid ukoll iwiegeb ghad-danni li l-agir tieghu kkawza lit-terzi. M'ghandux dritt jitlob ghal hniena ghas-semplici raguni li kien qieghed jobdi l-ordni li tah haddiehor. Kien id-dmir tieghu li qabel jibda x-xoghol jizgura li l-ordni li tah il-kuntrattur setghet titwettaq minghajr ma jipperikola lill-haddiehor.*

*"**Likwidazzjoni ta' danni**.*

*"1. **Fond numru 25, Cathedral Street, Sliema**.*

*"Irrizulta li fl-24 ta' Marzu 2004 l-atturi bieghu dan il-fond ghall-prezz ta' Lm120,000 (ara kuntratt a fol. 67). Micallef u RC Construction Limited taw eccezzjoni ulterjuri li mal-bejgh l-atturi tilfu l-interess guridiku. Il-qorti ma taqbilx, kif ser jirrizulta hawn taht:*

*"Il-perit tekniku rrelata li:*

> *"Dwar it-telf tal-proprjeta immobbli jigi rilevat illi l-valur tal-proprjeta tal-atturi huwa bhala art u l-benefikati m'ghandhom l-ebda valur minhabba l-potenzjal ta' zvilupp billi f'din iz-zona huwa permissibbli bini residenzjali fuq gholi ta' hames sulari inkluz ukoll il-penthouse u semi-basement…. l-esponent jikkunsidra illi d-danni f'dan ir-rigward m'humiex l-ispejjez tal-bini mill-gdid tal-istess dar (billi dan ma jirrizultax) izda hija d-differenza bejn il-valur proprju tal-proprjeta tal-atturi fid-data tal-bejgh u l-valur tal-post iddikjarat fl-istess kuntratt ta' bejgh tenut kont ukoll illli fil-gurnata tal-kuntratt kien ghad hemm l-inkjesta Magisterjali pendenti u kif ukoll indikazzjoni ta' diffikultajiet fil-pedamenti stante l-kollass. L-esponent jikkonsidra illi l-valur tal-proprjeta tal-atturi fis-sena 2004 kien Lm160,000 u ghalhekk id-danni f'dan ir-rigward huma d-differenza bejn il-valur imsemmi ta' Lm160,000 u l-valur ta' Lm120,000 fil-kuntratt" (fol. 376), li jfissru Lm40,000 **(€93,174)**.*

*"Mir-ritratti li hemm fil-process hu evidenti li l-fond numru 25 ma setax jissewwa minhabba l-hsara estensiva li saritlu. L-uniku rimedju li kien hemm kien li jinbena mill-gdid.*

*"L-opinjoni tal-perit tekniku hi li fis-sena 2004 il-fond kien jiswa Lm160,000. Hu kkonkluda li l-inkjesta Magisterjali u d-diffikultajiet relatati mal-pedamenti kellhom impatt fuq il-prezz. Skond l-opinjoni tal-perit tekniku l-atturi gabu 25% inqas mill-valur tal-fond fis-suq, meta ttrasferew il-fond. Il-qorti wara li rat il-provi tikkonkludi li:*

*"- Mod tbiegh fond nofsu mgarraf u fond shih. Il-qorti taccetta li fuq bazi ta' probabilita' dan 'il fatt kellu mpatt fuq il-prezz. Kif taccetta wkoll li kellu mpatt 'il fatt li kif sehh l-incident bdiet inkjesta magisterjali li jidher li kienet ghadha pendenti sakemm sar il-bejgh.*

*“- Il-qorti m’hijiex daqstant konvinta li l-pedamenti kellhom mpatt fuq il-prezz meta tqies li l-perit tekniku esprima l-fehma li l-valur tal-proprjeta tal-atturi hi bhala art u mhux bini. Fatt maghruf f’dawn it-tip ta’ djar antiki gewwa tas-Sliema;*

*“- Ghalkemm il-perit tekniku qal li l-fond jiswa Lm160,000, m’hemm l-ebda garanzija li l-atturi kienu ser jirnexxielhom ibieghu l-fond b’dak il-prezz;*

*“- Il-perit tekniku ibbaza l-opinjoni tieghu fuq il-valur tal-fond fiz-zmien li sar il-bejgh (2004). Il-qorti hi tal-fehma li l-istima kellha tkun iktar vicin lejn id-data meta sehh incident, ghaliex jekk ikun mod iehor ikun ifisser li iktar ma jdum sabiex ibiegh il-fond, id-danneggat ser jiehu iktar vantagg meqjus li bhala regola l-valur tal-proprjeta’ tizdied iktar ma jghaddu s-snin.*

*“Fic-cirkostanzi l-qorti tillikwida s-somma fl-ammont ta’* ***erbghin elf ewro (€40,000)****.*

*“2. **Mewt ta’ Rita Vella**.*

*“Rita Vella mietet fit-12 ta’ April 2000 fl-eta’ ta’ 84 sena (ara certifikat tal-mewt a fol. 398). Issemma li Rita Vella kienet intransigenti milli tohrog mid-dar, izda ma nghatat l-ebda eccezzjoni ta’ negligenza kontributorja. F’kull kaz ma rrizultax li l-gurnata qabel sehh l-incident xi hadd kien ta l-parir lill-membri tal-familja Vella li kienu jghixu fil-fond numru 25, sabiex johorgu minn hemm u jmorru f’akkomodazzjoni alternattiva. Sahansitra l-attur Joseph Vella xehed: “L-ewwel darba li smajt diskors dwar evakwazzjoni fl-Imperial Hotel kien* ***kwarta qabel waqghet id-dar****” (enfazi tal-qorti, fol. 498).*

*“Ma saret l-ebda prova dwar id-dhul li seta’ kellha Rita Vella. Ma jirrizultax li kellha dipendenti gialadarba wliedha kienu kollha kbar fl-eta’. Il-qorti tifhem li kellha pensjoni tar-romol peress li zewgha kien mejjet.*

*“Persuna ta’ 84 sena hi anzjana u tkompli tikber l-incertezza dwar kemm ser tibqa’ hajja. Fil-kaz in ezami Rita Vella kellha 84 sena meta mietet. Iktar ma persuna tkun kbira fl-eta’ iktar jikber l-istat ta’ incertezza dwar kemm ser tibqa’ hajja.*

*“Fin-nota ta’ sottomissjonijiet l-atturi qalu li meta l-qorti tigi biex tillikwida d-danni fir-rigward tal-mewt ta’ Rita Vella, “…. Ghandha tistabilixxi d-danni arbitrio boni viri. Id-danni ghandhom jirriflettu d-dinjita’ u l-valur tal-hajja umana” (fol. 651). Irridu niftakru li d-danni li jistghu jigu likwidati m’humiex ta’ natura punittiva.*

*“Skond l-Artikolu 1046[5] tal-Kodici Civili:-*

[5] Provvediment li l-atturi ghamlu riferenza ghalih fic-citazzjoni.

> *"Jekk minhabba l-eghmil li jaghti lok ghad-danni xi hadd imut, il-qorti tista', flimkien mat-telf u spejjez attwali ikkagunati, taghti lill-werrieta tal-mejjet id-danni, bhal fil-kaz ta' inkapacità totali ghal dejjem skond id-disposizzjonijiet ta' l-ahhar artikolu qabel dan".*

*"Jidher li d-danni li tkun qeghda tillikwida l-qorti m'humiex danni li sofra l-vittma izda danni ghall-werrieta*[6]*. Ghalhekk taht l-Artikolu 1046 ir-rizarciment tad-danni huma dawk li sofra l-werriet u mhux dawk li sofra l-vittma.*

*"Il-ligi ma taghmel l-ebda distinzjoni jekk il-werriet huwiex dipendenti jew le tal-vittma, u l-kliem* ***"il-qorti tista'"*** *jikkonferma d-diskrezzjoni li l-ligi taghti lill-gudikant f'dan il-kamp meta tigi wkoll biex tillikwida d-danni ghall-werrieta bhal dawk li jinghataw f'kaz ta' inkapacità totali fir-rigward ta' telf ta' qligh ghall-futur lill-persuna li sofriet il-hsara (skond l-Artikolu 1045(1) tal-Kodici Civili). Sahansitra l-Artikolu 1045(2) tal-Kodici Civili jipprovdi li:*

> *"Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacità tigi stabbilita mill-qorti,* ***wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapacità ikkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara****" (enfazi mizjuda).*

*"Hi gurisprudenza stabbilita li meta l-qorti tillikwida danni lill-werrieta, jittiehed in konsiderazzjoni l-grad ta' dipendenza. F'dan ir-rigward issir (riferenza) per ezempju ghas-sentenzi tal-Qorti tal-Appell fil-kawzi* ***Micallef St John et vs Richard Spiteri et*** *tal-15 ta' Jannar 2002,* ***Turner vs Agius****, tat-28 ta' Novembru 2003 u* ***Mizzi vs Genovese*** *tat-3 ta' Marzu 2006.*

*"Fl-atti m'hemmx taghrif dwar id-dhul li seta' kellha Rita Vella.*

*"€600 fix-xahar x 12-il xahar = €7,200 x 4 snin = €28,800 – 25% (own consumption) =* ***€21,600*** *– 50% (tnaqqis relatat ma' grad ta' dipendenza) =* ***ghaxart elef u tmien mitt ewro €10,800.***

*"Wiehed jista' jargumenta li l-ammont likwidat mill-qorti hu baxx meta tikkunsidra li l-kaz jitratta dwar mewt ta' persuna innocenti li kienet qeghda tghix ghal kwiet f'darha. Pero' l-qorti diga' osservat li d-danni rizarcibbli m'humiex ta' natura punittiva u lanqas ma huma ntizi sabiex jaghtu xi valur monetarju lill-hajja. Wara kollox l-atturi qeghdin jitolbu d-danni li sofrew bil-mewt ta' ommhom.*

*"Mhux ser jitnaqqas xi persentagg ghal fatt li l-hlas ser isir f'daqqa, mehud in konsiderazzjoni:-*

[6] Ara sentenza ta' din il-Qorti (Imhallef P. Sciberras) fil-kawza **Anglu Galea et vs Silvio Piscopo** tat-3 ta' Ottubru 2003 u wkoll **Mario Seguna et vs Carmel Debono et** (Imhallef J.R. Micallef) tas-6 ta' Ottubru 2004.

*"- in-numru ta' snin wara l-incident li fih qieghed jigi likwidat l-ammont dovut bhala danni. Dan irrispettivament ta' x'setghet kienet ir-raguni ghalfejn din hi kawza ohra li hadet tant snin biex tigi deciza.*

*"- 'il fatt li l-multiplier kien ta' 5 snin, mid-data tal-incident ghaddew f'April 2005.*

*"3. **<u>Mobbli fid-dar</u>**.*

*"Mir-ritratt A a fol. 6, hu evidenti li tista' tghid li kkollassa nofs il-fond numru 25. Fil-fond kienu jghixu Rita Vella, huha Anthony Mifsud, u binha Joseph Vella. Mobbli zgur li kien hemm. Ghalkemm l-attrici Carmen Pecorella pprezentat lista bil-mobbli li kien hemm, ftit li xejn inghata taghrif dwar liema kienu tal-omm u liema kienu ta' Anthony Mifsud.*

*"Ghalhekk il-qorti qeghda arbitrio boni viri tillikwida s-somma ta' **sitt elef ewro (€6,000)**. Il-kawza ilha pendenti snin twal u l-atturi kellhom kull opportunita', li kieku riedu, li jressqu iktar provi li setghu jghinu lill-qorti biex tkun f'posizzjoni ahjar li tillikwida d-danni.*

*"4. **<u>Telf ta' uzu tal-fond numru 25</u>**.*

*"Il-perit tekniku llikwida s-somma ta' €16,800 minhabba l-loss of use. Pero' Rita Vella mietet fl-incident. L-atturi harrku lill-konvenuti bhala werrieta ta' Rita Vella. Ghalhekk fil-kaz ta' Rita Vella ma kienx hemm xi somma x'tigi likwidata. Bl-eccezzjoni tal-attur Joseph Vella, lanqas ma jirrizulta li l-atturi l-ohra kienu qeghdin jaghmlu uzu mill-fond li ggarraf. Imbaghad, dwar Joseph Vella huwa kien qieghed ighix fil-fond biss bi pjacir ta' ommu. F'kull kaz l-atturi ser jigu kkumpensati fir-rigward tal-fond numru 25 billi ser jircievu somma flus ghat-tnaqqis fil-valur tal-proprjeta' minhabba l-kollass.*

*"**<u>Spejjez gudizzjarji</u>**.*

*"Waqt it-trattazzjoni d-difensur tal-atturi sostna li l-atturi m'ghandhomx jaghmlu tajjeb ghal xi spejjez ta' konvenuti li fil-konfront taghhom il-qorti tista' ma tilqax it-talba. Il-qorti ma taqbilx. Il-qorti tifhem li l-atturi harrku lill-konvenuti ghaliex hi l-qorti li trid tiddetermina min hu responsabbli ghall-incident. Hu minnu wkoll li l-kawza saret minhabba n-negligenza ta' haddiehor. Pero' jibqa' 'l fatt li l-konvenuti tharrku mill-atturi kollha. Ghazla libera li saret mill-atturi. Mela huma l-atturi li jridu jgorru l-piz tal-ispejjez ta' dawk il-konvenuti li ma nstabux reponsabbli ghall-incident*";

5. L-atturi appellaw mill-imsemmija sentenza fil-5 ta' Ġunju, 2014. Madankollu, b'digriet ta' din il-Qorti tad-9 ta' April, 2019[7], l-appell tagħhom mar deżert minħabba li ma tħallsitx il-kawtela;

6. Min-naħa l-oħra, uħud mill-intimati appellati nqdew mill-appell tal-atturi biex ressqu appelli inċidentli mis-sentenza appellata. Tressqu tliet (3) appelli bħal dawn: mill-intimat appellat Raymond Calleja, mill-intimat appellat Arkitett Philip Azzopardi u mill-intimati appellati Carmel Raymond Micallef u l-kumpanija RC Construction;

7. Bl-Appell inċidentali tiegħu mressaq fil-25 ta' Ġunju, 2014, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-appellat Raymond Calleja, talab li l-Qorti tirrevoka, tħassar u tikkanċella s-sentenza appellata u filwaqt li tiċħad it-talbiet attriċi fil-konfront tiegħu, tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi;

8. Permezz ta' Risposta mressqa fit-30 ta' Ġunju, 2014, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-appellati Carmel Raymond Micallef f'ismu proprju u RC Construction Limited, u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbu li l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata saffejn ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni ta' Carmel Raymond Micallef fil-kwalità tiegħu personali; tvarja dik il-parti tas-sentenza fejn ikkundannatu sabiex solidalment ma' RC Construction

[7] Paġ. 808 tal-proċess

Company Limited u l-appellat Calleja, iħallas lill-atturi s-somma ta' sitta u ħamsin elf u tmien mitt euro (€56,800); tvarja u tirriforma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill RC Construction Company Limited responsabbli tal-akkadut u responsabbli għall-ħlas *in solidum* flimkien ma' Calleja; u tordna li l-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra jitħallsu mill-atturi appellanti u l-konvenuti appellati l-oħrajn;

9. Permezz ta' Risposti mressqa fit-22 ta' Settembru, 2014, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-appellat perit arkitett Philip Azzopardi, filwaqt li warrab l-aggravji kollha taż-żewġ appelli inċidentali mressqa mill-appellati Raymond Calleja u Carmel Raymond Micallef f'ismu proprju u għan-nom ta' RC Construction Limited, u għar-raġunijiet hemm imfissra, talab lill-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata u minflok taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tikkonfermaha safejn ħelsitu mir-responsabbillità għat-tiġrif tal-bini billi limitatament laqgħet l-eċċezzjonijiet tiegħu, filwaqt li tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti sabitu responsabbli għall-mewt ta' Rita Vella u minflok teżonerah minn kull responsabbilità għall-mewt ta' Rita Vella billi tilqa' għal kollox l-eċċezzjonijiet tiegħu u tiċħad it-talbiet attriċi fil-konfront tiegħu;

10. Permezz ta' Risposti mressqa fit-22 ta' Ottubru, 2014, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-appellati miżżewġin Stafrace, filwaqt li warrbu l-aggravji mressqa mill-appellat Raymond Calleja, qablu li għandu

jintlaqa' l-appell inċidentali mressaq mill-perit Azzopardi. Min-naħa l-oħra, ma jidhirx li ressqu tweġibiet għall-appell inċidentali ta' Carmel Raymond Micallef f'ismu proprju u għan-nom ta' RC Construction Limited;

11. L-atturi appellanti ma ressqu l-ebda Tweġiba għall-appelli inċidentali, minkejja li laqgħu n-notifika tagħhom kif imiss;

12. Semgħet it-trattazzjoni tal-appelli inċidentali magħmula mid-difensuri tal-partijiet waqt is-smigħ tal-4 ta' Frar, 2020, u kif ukoll id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tas-6 ta' Lulju, 2020, li ma kellhomx sottomissjonijiet oħrajn x'iressqu lill-Qorti u li din il-Qorti kif rikomposta setgħet tgħaddi għall-għoti tas-sentenza;

13. Rat l-atti kollha tal-kawża;

14. Rat id-digriet tagħha tas-6 ta' Lulju, 2020, li bih ħalliet l-appell għal-lum għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

15. Illi din hija azzjoni ta' danni b'riżultat ta' tiġrif ta' fond minħabba xogħol ta' skavar li kien qed isir ġo fond biswit u f'liema tiġrif persuna tilfet ħajjitha wara li ntradmet f'darha. L-ewwel Qorti filwaqt li laqgħet uħud

mill-eċċezzjonijiet imressqa mill-intimati appellati, laqgħet it-talbiet tal-attriċi. Uħud mill-intimati appellaw inċidentalment mill-imsemmija sentenza, liema appelli huma l-mertu ta' din is-sentenza;

16. Illi l-Qorti sejra tqis l-ewwel **l-appell inċidentali ta' Raymond Calleja**. Huwa jressaq żewġ aggravji: (i) is-sejbien li huwa kien b'xi mod jaħti għal dak li ġara u (ii) il-likwidazzjoni tad-danni u l-kundanna solidali għall-ħlas tal-istess mal-intimati Micallef *proprio* u *nomine* u Azzopardi. Fl-ewwel aggravju, Calleja jikkontesta xi ħtija min-naħa tiegħu fl-inċident. Huwa jsostni li mill-fatti jirriżulta li hu kien l-anqas wieħed li kellu sehem f'din il-kwistjoni. Fi kliemu, hu mexa fuq struzzjonijiet li ngħata mill-kuntrattur, u xogħolu għamlu bil-galbu skond ma jitolbu s-sengħa u l-arti, tant li l-fond iġġarraf mhux minħabba nuqqas tiegħu iżda għaliex il-materjal kien artab u beda jaqa' waħdu (il-materjal kien turbazz). Filwaqt li jisħaq li hu kien biss is-sub-appaltatur tal-kuntrattur, jitfa' l-ħtija għal dak li ġara fuq il-kuntrattur (Micallef *proprio* u *nomine*) li refa' r-responsabbilità minflok il-perit u tah struzzjonijiet mod ieħor. Jgħid li f'każijiet bħal dawn il-ħtija taqa' fuq il-kuntrattur;

17. Illi l-appellat perit Azzopardi jirribatti bil-qawwa dan l-aggravju u jgħid li l-ħtija ta' Calleja tinstab fil-fatt li, minkejja li kien tas-sengħa, naqas li jimxi mal-liġi u, minflok, qagħad għal dak li ordnalu l-kuntrattur. Iżid jgħid ukoll li l-fatt li l-materjal li kien qed ineħħi kien turbazz fih innifsu

messu wrieh li t-tneħħija tiegħu kienet ta' periklu u għaldaqstant kien ferm importanti li l-appellat iżomm id-distanza ta' żewġ piedi u nofs minn mal-ħajt diviżorju. Minflok, huwa ċeda għall-ordni tal-kuntrattur u tefa' fuqu nnifsu wkoll il-ħtija tal-konsegwenzi ta' għemilu b'mod li ġġibu jaħti solidalment mal-kuntrattur;

18. Illi, min-naħa tagħhom, l-intimati miżżewġin Stafraċe jwarrbu l-aggravji ta' Calleja u jgħidu li kull responsabbiltà li jġorr hija dik li huwa assuma bħala sub-appaltatur tal-kuntrattur, għaliex hu kien li ftiehem mal-kuntrattur dwar ix-xogħol li kellu jagħmel u kien hu li qagħad għall-kuntrattur f'dak li għamel. Huma jiċħdu li qatt kellhom xi rabta ma' Calleja jew li qatt tawh xi għamla ta' struzzjonijiet dwar ix-xogħol li tqabbad jagħmel jew kif kellu jagħmlu;

19. Illi l-Qorti tqis li dan l-ewwel aggravju m'għandux mis-sewwa. Fil-premessi tal-att promotur, l-atturi appellanti jsejsu l-azzjoni tagħhom sewwasew fuq il-premessa tat-traskuraġni, in-negliġenza u n-nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti min-naħa tal-imħarrkin bħala r-raġunijiet li fuqhom jitfgħu r-responsabbiltà għal dak li ġaralha ommhom u għat-tiġrif tal-fond tagħha. Biex isostnu t-talba tagħhom, l-atturi appellanti kien jeħtiġilhom juru li l-imħarrkin, jew min minnhom, naqsu li juru dak l-għaqal li kien raġonevolment mistenni li jintwera minnhom fiċ-ċirkostanzi li kienu fihom dak il-ħin u li kull bniedem ta' dehen raġonevoli kien mistenni li jieħu;

20. Illi din il-Qorti, wara li fliet sewwa l-atti proċesswali u bħall-ewwel Qorti qabilha, tasal għall-fehma li l-atturi appellanti dan irnexxilhom jippruvawh kif imiss. Fil-fatt, ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel Qorti ssib li l-intimat Calleja kien jaħti għal dak li ġara u għall-konsegwenzi li segwew wara kien il-fatt li ntwera li hu (i) kien qed isuq il-gaffa u neħħa t-turbazz minn fuq is-sit sewwasew fl-imkien ta' taħt il-ħajt diviżorju; (ii) ħa ordnijiet mingħand il-kuntrattur li kienu jmorru kontra dak li titlob il-liġi; u (iii) waqt li kien fuq xogħolu, ma ħax il-prekawzjonijiet meħtieġa biex ma jpoġġix lil ħaddieħor f'periklu;

21. Illi tqis ukoll li dan l-każ ma jistax jitqabbel maċ-ċirkostanzi li ssemmew mill-appellat Calleja fis-sentenzi li ċċita biex isaħħaħ it-teżi tiegħu ta' nuqqas ta' responsabbilità[8]. Dan jingħad għaliex, filwaqt li l-każ li l-Qorti għandha quddiemha jissejjes fuq il-ħtija akwiljana, is-sentenzi msemmija jirreferu għal sitwazzjoni ta' inadempiment kuntrattwali fejn persuna tagħti kuntratt ta' appalt lil kuntrattur u dan iqabbad sub-appaltatur biex jagħmel ix-xogħol minfloku. F'dawk iċ-ċirkostanzi il-qorti sabet li ladarba r-relazzjoni tas-sid kienet mal-kuntrattur, għan-nuqqasijiet li jirriżultaw min-nuqqas ta' twettieq tal-appalt, kellu jwieġeb għalihom il-kuntrattur u mhux is-sub-appaltatur. Huwa ċar li ċ-ċirkostanzi

[8] P.A. TM **9.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Schembri vs Emanuel Caruana*** (mhux appellata)**;** P.A.
DS **9.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Espedito Żammit vs Onor. Michael Falzon et*** (mhux appellata)

f'dan il-każ kienu għal kollox differenti u l-kejl tal-kawżalità bejn l-għemejjel ta' Calleja u l-ħsara li ġrat jorbtuh mar-responsabbiltà lejn dawk li ġarrbu ħsara, ukoll jekk tali ħtija ma jerfagħhiex waħdu;

22. Illi meqjus dan kollu, l-ewwel Qorti qieset sewwa meta sabet li Callej kellu jġorr biċċa mir-responsabbilità għall-inċident. Għalhekk, din il-Qorti sejra tiċħad dan l-ewwel aggravju tiegħu;

23. Illi fi<u>t-tieni aggravju</u> Calleja jilminta mil-likwidazzjoni tad-danni li saret mill-ewwel Qorti. Huwa jgħid li l-ewwel Qorti ma fissritx kif waslet għad-dħul tal-mejta Vella u dwar il-kejl tal-*lucrum cessans* li seta' kien hemm b'riżultat tal-mewt tagħha fit-tiġrif ta' darha. Huwa jilminta wkoll mill-kejl ta' deprezzament tal-post li ġġarraf;

24. Illi l-ewwel Qorti qieset li ma kienet inġabet l-ebda prova tad-dħul li seta' kellha Rita Vella. Ikkonsidrat ukoll li, dakinhar li seħħ il-każ, Vella kellha erbgħa u tmenin (84) sena u ma kellha ebda dipendenti ladarba wliedha kienu kollha kbar fl-età. Dik il-Qorti assumiet li Vella kellha pensjoni tar-romol peress li żewġha kien mejjet. Qieset li d-danni li jistgħu jiġu likwidati m'humiex ta' natura punittiva, u li d-danni li tkun qed tillikwida fejn tkun seħħet il-mewt tal-vittma ma humiex id-danni li ġarrbet il-vittma, imma dawk li jġarrbu l-werrieta. Qieset ukoll li fil-kalkolu tagħha ma kellux jitnaqqas xi perċentwali għall-fatt li l-ħlas ser isir f'daqqa, għaliex il-

kumpens kien qed ikun likwidat bosta snin wara l-inċident, u l-fatt li l-multiplier kien ta' 5 snin[9], dawn għaddew f'April tas-sena 2005;

25. Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, l-appellat Calleja m'għandux għalfejn jilmenta mill-eżerċizzju ta' likwidazzjoni magħmul mill-ewwel Qorti għall-finijiet tal-Artikolu 1046 tal-Kodiċi Ċivili. Fl-ewwel lok, tqis li l-ewwel Qorti ma laqgħetx l-istedina tal-atturi li tasal għal ammont ta' danni *arbitrio boni viri*, u minflok għamlet il-kalkoli tagħha kif imiss wara li ħadet il-konsiderazzjonijiet kollha meħtieġa. Fit-tieni lok, l-ewwel Qorti ma qalet xejn dwar il-vittma li ma kienx jirriżulta mill-atti tal-kawża – jiġifieri li kienet armla b'pensjoni u kemm kellha żmien meta mietet. F'dan ir-rigward, jidher li segwiet sewwa l-kejl imħaddem u mgħallem mill-ġurisprudenza: fejn jingħad li *"The most important factor to take into account when considering which multiplier to apply is, of course, the age and probable working life of the deceased and the expection of life of the dependants… There must also be a discount for the uncertainties of life… Discount must also be made for the fact that the dependants will receive an accelerated benefit in the form of a lump sum rather than smaller benefits over a number of years. Because of these uncertainties the appropriate time for selecting the multiplier is at the time of death…*"[10]. Fit-tielet lok, tfakkar li kif ingħad sewwa mill-Qrati tagħna, aċċident mhux xi entità astratta, iżda hu fatt li ġara kif inhu fix-xorta u l-kobor tiegħu; huwa ġrajja

[9] Jidher li, fil-fatt, l-ewwel Qorti adottat *multiplier* ta' erba' (4) snin
[10] Thomas Saunt *Damages for Personal Injury and Death* (Tielet Ediz, 1986), pag 53

bl-inċident inerenti miegħu li minnu jitnisslu d-danni mġarrba mill-vittma u li għalihom irid iwieġeb min, bin-negliġenza tiegħu, jkun ikkawżahom[11];

26. Illi safejn l-aggravju tal-likwidazzjoni jirrigwarda l-valur tal-fond li ġġarraf, l-intimat Calleja jgħid li l-ewwel Qorti ma messha illikwidat l-ebda somma ladarba l-atturi tilfu kull interess li seta' kellhom f'dan ir-rigward meta biegħu il-fond lil terzi matul iż-żmien li kienet miexja l-kawża. Jgħid ukoll li, f'kull każ, l-atturi naqsu li jressqu prova ta' x'danni ġarrbu meta ttrasferew il-fond fil-qagħda li kien u biex min xtrah iwaqqgħu. Itemm jgħid li l-azzjoni messha tkompliet mis-sidien il-ġodda u mhux mill-atturi appellanti, ħaġa li ma saritx;

27. Illi l-ewwel Qorti qieset li l-fatt li l-fond inbiegħ ma jnaqqasx mill-interess li l-atturi appellanti għandhom fil-kawża għaliex bit-tiġrif il-valur tal-fond intlaqat għall-agħar u ta' dan il-werrieta għandhom jiġu kumpensati. Hija ħaġa minn ewl id-dinja li l-prezz miksub mill-atturi fil-bejgħ ta' dak li kien fadal mid-dar ta' ommhom meta mqabbel mal-prezz li kienu jdaħħlu li kieku d-dar kienet intatta ma huwiex l-istess. Dik il-Qorti qieset din il-ħaġa kif ukoll li l-bejgħ ried jitqies fuq kemm kien iġib fuq is-suq is-sit fejn kienet id-dar fi żmien il-bejgħ. Dik il-Qorti wriet ukoll li ma kinitx qablet mal-perit tekniku maħtur minnha fuq l-istima tal-valur mitluf.

[11] App. Ċiv. **2.3.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Cachia vs Conti*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.163**)

Kemm hu hekk, naqqset il-kumpens li wasal għalih il-perit għall-ammont ta' erbgħin elf ewro (€40,000);

28. Illi l-kwistjoni ta' x'inhu interess ġuridiku meħtieġ fil-parti attriċi f'kawża ilu jkun mistħarreġ mill-qrati tagħna, u dan għaliex il-liġi ilha żmien twil titlob dan ir-rekwiżit fl-att li bih tinbeda kawża;

29. Illi kif ingħad għadd ta' drabi mill-Qrati Maltin, l-interess meħtieġ fl-attur irid ikun wieħed dirett, leġittimu, kif ukoll attwali. L-interess irid joħroġ minn stat attwali ta' ksur ta' jedd, liema ksur ikun jikkonsisti f'kondizzjoni pożittiva jew negattiva li xxejjen jew tipprova ġġib fix-xejn dritt li jappartjeni lid-detentur jew lilu jkun mistħoqq[12]. Għar-rigward ta' l-aspett ta' attwalità tal-interess tal-parti attriċi, azzjoni tista' sseħħ u titqies imsejsa b'interess kif imiss kemm-il darba tkun kapaċi li tipproduċi riżultat vantaġġjuż jew utili għal min jipproponiha u li dak riżultat jista' jiġi utilizzat b'suċċess[13]. Barra minn dan, irid jintwera li dak l-interess jibqa' jseħħ matul il-ħajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu tagħha, għaliex jekk dan l-interess jonqos jew jintemm, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imħarrek jinħeles milli jibqa' fil-kawża[14];

---

[12] Ara P.A. **27.3.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Muscat et vs Buttiġieġ*** (Kollez. Vol: **LXXIV.iii.481**)
[13] Ara App. Ċiv. **27.5.1991** fil-kawza fl-ismijiet ***Bond vs Manġion et*** (Kollez. Vol: **LXXV.ii.385**). Ara wkoll App. Ċiv. **14.9.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Millard vs Said et noe*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.299**)
[14] App. Ċiv. **17.2.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut et noe vs Attard*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.246**)

30. Illi fil-fehma tal-Qorti, l-ewwel Qorti mxiet sewwa meta qieset li l-atturi appellanti ma tilfux l-interess tagħhom fil-kawża mal-bejgħ tal-fond. It-talbiet marbuta mas-sejba ta' danni mġarrba mill-atturi appellanti u l-likwidazzjoni tagħhom baqgħu jissussistu minkejja l-bejgħ tal-fond lil terzi. Minbarra dan, tqis ir-rapport tal-perit tekniku u l-fehmiet tiegħu li l-prezz li l-atturi appellanti kienu qed jistennew li jdaħħlu mill-bejgħ intlaqat bit-tiġrif tal-fond, liema fehma ntlaqgħet ukoll mill-ewwel Qorti. Dan jista' jfisser ħaġa waħda biss, u jiġifieri li l-element tal-attwalità tal-interess meħtieġ fl-atturi appellanti b'daqshekk ma ntilifx;

31. Illi ladarba Calleja ma ġab 'il quddiem l-ebda argument ieħor tajjeb dwar il-likwidazzjoni tad-danni, il-Qorti għaldaqstant tqis li lanqas dan l-aggravju ma huwa mistħoqq u mhix sejra tilqgħu;

32. Illi jmiss li l-Qorti tqis **l-appell inċidentali ta' Carmel Raymond Micallef f'ismu proprju u għan-nom ta' RC Construction Limited**. Dan l-appell fih żewġ aggravji: (i) li l-intimat Micallef ma kellux jitqies b'xi mod responsabbli u ħati fil-kwalità tiegħu personali għal dak li seħħ; u (ii) safejn l-ewwel Qorti sabet responsabbiltà u ħtija wkoll fil-kumpanija;

33. Illi għal dan l-appell wieġeb formalment l-intimat arkitett Azzopardi biss. Il-partijiet l-oħrajn, minkejja li laqgħu n-notifika, ma wieġbux. Fit-tweġiba tiegħu, Azzopardi jwarrab dawn l-aggravji bħala fiergħa u

vessatorji u jisħaq li, għall-kuntrarju, dak kollu li ġara kien il-frott tal-għażla li ħa Micallef li jagħmel ta' rasu bla ma jitlob minn qabel id-direzzjoni tal-perit u kontra dak li l-istess perit kien qallu jagħmel. Minbarra dan, kien l-istess Micallef li qabbad sub-appaltatur (Calleja) u dan kien joqgħod biss fuq l-istruzzjonijiet li kien jagħtih Micallef, u ladarba l-każ qam minħabba t-traskuraġni, ma huwiex sewwa li Micallef jipprova jinħeba wara l-istar tal-kumpanija tiegħu stess;

34. Illi l-ewwel aggravju jirrifletti l-ewwel eċċezzjoni preliminari li Micallef kien qajjem u li l-ewwel Qorti ċaħditha. Jgħid li l-ewwel Qorti żbaljat għaliex il-ftehim ta' appalt li ntlaħaq mas-sidien intimati miżżewġin Stafrace kien mal-kumpanija u mhux miegħu personalment, u l-komunikazzjoni li saret mal-intimat perit Azzopardi kienet ukoll ma' RC Construction Limited. Għaldaqstant huwa jqis li kien messu nħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju u mhux jitqies ħati daqslikieku hu u l-kumpanija tiegħu kienu l-istess ħaġa;

35. Illi l-ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' Micallef fuq il-konsiderazzjonijiet li (i) huwa azzjonist maġġorenni u l-uniku direttur tal-kumpanniija RC Construction Limited; (ii) kienet deċiżjoni tiegħu li ma tinżammx id-distanza mitlub mil-liġi minn mal-ħajt diviżorju tal-ġirien meta kien qed jitħammel is-sit; u (iii) in-negozju tal-kumpanija kien imsejjes fuq l-esperjenza li Micallef kellu fuq il-lant tax-xogħol fuq medda ta' żmien;

36. Illi bla tlaqliq ta' xejn, il-Qorti tqis li dan l-aggravju m'għandux mis-sewwa. Issib li l-ilment ta' Micallef huwa att imtenni u mġebbed ta' persuna li trid teħles mir-responsabbilità li tkun daħħlet lilha nnifisha fiha, u li trid taħrab mill-konsegwenzi ta' għemilha. Huwa minnu li kien hemm relazzjoni kontrattwali bejn is-sidien Stafrace u l-kumpanija intimata. Imma diġà ngħad qabel[15] li din l-azzjoni tissejjes fuq il-ħtija akwiljana u mhux fuq l-inadempiment kuntrattwali. Min-naħa l-oħra, ma hemmx dubju li l-appellat Micallef kellu wkoll rwol ewlieni f'dak li ġara fil-jum tal-inċident. Kif tajjeb sabet l-ewwel Qorti, huwa kien il-persuna li tat id-direzzjonijiet jew struzzjonijiet lil Calleja biex ma jżommx mad-distanza minn mal-ħajt diviżorju hu u jneħħi t-turbazz u biex ifannad aktar 'l isfel minn kemm kien mistenni, u dan minkejja li l-perit Azzopardi tah struzzjonijiet mod ieħor;

37. Illi l-liġi tgħallem li kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bil-ħtija tiegħu[16], u jitqies fi ħtija kull min fl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[17]. Fil-fehma tal-Qorti, l-appellat Micallef ma jista' jmieri bl-ebda mod li dak li għamel jew talab li jsir kien ġej minnu u kien il-frott ta' mġiba traskurata li kixfet lil ħaddieħor

[15] § 21 *supra*
[16] Art. 1032(1) tal-Kap 16
[17] Art. 1032(2) tal-Kap 16

għall-ħsara u li, fil-fatt, ġabet dik il-ħsara. Minħabba f'hekk ma jistax jibqa' jgħid li tħarrek għal xejn jew li ma messux tħarrek;

38. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti sejra tiċħad dan l-aggravju;

39. It-tieni aggravju ta' dan l-appell inċidentali jolqot lil Micallef bħala direttur tal-kumpanija intimata u lill-istess kumpanija. Dan ukoll jorbot mal-fehmiet tal-ewwel Qorti dwar ir-responsabbiltà għall-inċident;

40. Taħt dan l-aggravju, l-appellanti jittantaw jiġġustifikaw ir-raġunijiet għaliex l-ewwel Qorti ma kellhiex issibhom ħatja ta' dak li ġara, imma li kien ħaddieħor li messu jerfa' dik il-ħtija. Jgħidu li l-ħtija ta' dak li ġara hija tal-intimat perit Azzopardi billi (i) l-istruzzjonijiet biex tinżamm id-distanza ma setgħux jiġu segwiti billi l-materjal li kellu jitneħħa kien dgħajjef; (ii) Micallef għarraf lill-perit minn qabel bl-istat tal-materjal u l-perit ma rax il-periklu tant li ma tahx struzzjonijiet biex joħroġ lill-ġirien mill-fond tagħhom; (iii) l-istruzzjonijiet tal-perit biex jirfed il-fond ta' Vella ma setgħux isiru għaliex dan kien jirrekjedi li jiġi ordnat il-ħadid. Jerġgħu jqajmu wkoll il-kwistjoni tal-ħsejjes u vibrazzjonijiet tal-*generator* li kien f'parkeġġ fl-inħawi li jgħidu li ikkontribwixxa għad-dannu li ġraw fil-post li ġġarraf;

41. Illi l-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa marbut ma' dak ta' qablu. L-ewwel Qorti sabet ħtija fl-aġir tal-appellati għax sabet li kienu naqsu mid-dmir tagħhom li jiżguraw li l-attività li kienet għaddejja fuq is-sit ma tirriżultax fi ħsara fil-ġid la tas-sidien miżżewġin Stafraċe u wisq anqas f'dak tal-ġirien. Ħareġ ukoll li bilkemm taw ħin lill-intimat arkitett Azzopardi biex jagħtihom struzzjonijiet qabel il-waqt ladarba, meta mar l-ewwel darba fuq il-lant biex jgħidilhom kif kellu jsir ix-xogħol, sab ma' wiċċu l-fatt kompjut ta' xogħol mibdi u xogħol li ma kienx qiegħed isir b'ħarsien tal-imsemmija dmirijiet. Minbarra dan, ma tistax tilqa' l-argument tal-appellati li jgħidu li l-lavranti tagħhom kienu ħadmu bil-għaqal u li, sakemm kienu mdaħħlin huma, ma kien ġara l-ebda ħsara lill-fond tal-atturi. Lanqas ma tista' tilqa' l-argument li t-tiġrif ġara malli daħal fix-xena s-sub-appaltatur Calleja u bi ħtija waħdanija tiegħu. Jgħidu x'jgħidu l-appellati Micallef u l-kumpanija tiegħu, ma setgħu qatt ifarfru mill-ħtieġa li jissorveljaw mhux biss lil-lavranti tagħhom imma wkoll lil Calleja f'dak li qabbduh biex jagħmel u l-mod kif kien qed jagħmlu;

42. Illi l-Qorti tqis li għal dan l-aggravju jgħoddu wkoll il-kunsiderazzjonijiet li hija għamlet qabel hi u tistħarreġ l-ewwel aggravju[18]. Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet, joħroġ ċar kemm kienet għaqlija l-ewwel Qorti li ssib ħtija solidali bejn l-appellanti u l-intimat Calleja. Għall-istess raġunijiet issib li dan l-aggravju m'għandux jintlaqa', u għalhekk lanqas

---

[18] §§ 36 – 7 *supra*

ma jistħoqqlu jintlaqa' l-appell inċidentali tal-intimati Micallef u l-kumpanija RC Construction Limited;

43. Illi jifdal li l-Qorti tqis l-**appell inċidentali mressaq mill-Perit Philip Azzopardi**, li bih jitlob li jinħeles minn dik il-parti tas-sentenza appellata li sabitu ħati, flimkien ma' intimati oħrajn, għall-mewt ta' omm l-atturi. L-aggravju tal-perit huwa wieħed. Jisħaq li s-sitwazzjoni aggravat u l-ħajja ta' Rita Vella tqiegħdet f'periklu, mhux minħabba xi nuqqas tiegħu, iżda għaliex il-kuntrattur naqas li joqgħod għall-ordnijiet li hu tah, mhux biss li jħalli d-distanza minn mal-ħajt diviżorju tal-fond ta' Vella iżda wkoll li jagħmel dak ix-xogħol rimedjali li, fil-fehma tiegħu, seta' jsir faċilment u f'qasir żmien biex il-bini tagħha ma jiġġarrafx. Jgħid ukoll li l-fatt li Vella ma kinitx ħerqana li toħroġ mill-fond ma għenx biex ma jiġrilhiex dak li ġaralha;

44. Illi għal dan l-appell inċidentali wieġbu biss l-intimati miżżewġin Stafraċe li qablu li l-appell kien mistħoqq u kien jixraq jintlaqa';

45. Illi l-ewwel Qorti, sabet lill-perit responsabbli ma' intimati oħrajn għall-mewt ta' Vella, iżda mhux għat-tiġrif tal-bini, billi (i) naqas li jispezzjona l-fond w illimita ruħu li jagħti struzzjonijiet lill-kuntrattur; (ii) naqas li jara li x-xogħlijiet rimedjali li irrakkomanda jsiru dakinhar stess; (iii) ix-xogħlijiet rimedjali li ordna lill-kuntrattur mhux neċessarjament li

kienu effettivi; u (iv) talli naqas li jassigura li l-ħajja ta' Vella ma tkunx fil-periklu;

46. Illi l-Qorti tibni fuq dak li diġà ngħad aktar qabel, billi l-liġi titfa' dawl ċar fuq kwistjoni bħal din meta tgħid li jinstab fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu jikkawża danni lil ħaddieħor minħabba li ma jużax il-prudenza, ħsieb u diliġenza ta' missier tajjeb ta' familja[19];

47. Illi huwa wkoll miżmum li l-għaqal u d-diliġenza li jrid juri l-professjonist fit-twettiq ta' xogħlu huwa dak mistenni normalment minn professjonist tal-affari tiegħu, aġġornat fit-tagħrif li l-professjoni (jew il-qasam li jaħdem fih) tistenna minn kull kollega tiegħu, u mwettaq bl-attenzjoni u r-reqqa li x-xogħol li jissejjaħ jagħmel jitlob mill-każ. Dan jitlob kejl oġġettiv. Sakemm ma jkunx hemm xi dispożizzjoni ta' liġi li tgħid mod ieħor dwar il-professjoni li tkun, ħadd ma jwieġeb għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta' prudenza, għaqal jew ħsieb fi grad akbar[20];

48. Illi din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti, tasal għall-fehma li, fil-każ li għandna quddiemna, il-perit wera nuqqas fit-twettiq tal-ħila professjonali tiegħu, u dan billi naqas li jimxi ma' dak li l-għarfien tas-sengħa professjonali tiegħu messu wrih li kellu jieħu ħsieb jara li jsir u ma sarx[21]. F'dan ir-rigward, il-ħtija tal-perit tissarraf fl-inadempiment ta' *standard* ta' mġiba li kien mistenni minnu u minn kull perit arkitett ieħor fil-qagħda

[19] Art. 1031 u Art. 1032(1) tal-Kap. 16
[20] Art. 1032(2) tal-Kap 16
[21] App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Bonsons Ltd vs Galea*** (Kollez. Vol: **LXXXV.ii.1023**)

tiegħu. Dan jgħodd ukoll jekk, kif jisħaq tant drabi l-appellant arkitett, sab ma' wiċċu qagħda ta' fatt magħmul. Huwa sewwasew minħabba f'hekk li d-dmir professjonali kien jitlob minnu li jara li x-xogħlijiet rimedjali urġenti li deherlu li kellhom isiru jara li jsiru tassew u li jieħu l-miżuri xierqa biex, ladarba kien għaraf li l-post ta' Vella kien sar perikolanti[22], jinħarġu n-nies li kien hemm fih, ukoll jekk dawn kaxkru saqajhom;

49. Illi l-Qorti, hija u tqis dan l-aggravju, ma tistax ma tqisx ħafna mis-sottomissjonijiet li l-istess appellant ressaq kontra l-kuntrattur u s-sub-kuntrattur, meta għal aktar minn darba seħaq kif dawn kienu mxew minn wara dahru u għamlu ħwejjeġ li kienu jmorru kontra dak li kien irrakkomanda hu. Jekk il-Qorti toqgħod fuq dawn is-sottomissjonijiet, kellu allura aktar jaqa' fuq l-appellant id-dmir li jara li dak li ordna jkun imwettaq u mhux jeħles billi jgħid li huwa ta l-ordnijiet tiegħu u ħalla f'idejn il-kuntrattur biex jimplimentahom. Lanqas ma huwa tajjeb li jgħid li, sakemm kien fuq is-sit, il-post ta' Vella ma kienx iġġarraf u li t-tiġrif seħħ b'riżultat ta' dak li sar fuq il-lant l-għada li mar hu: ir-responsabbiltà professjonali tal-appellant ma kinitx limitata għal dak li jiġri taħt għajnejh jew biss safejn ikun preżenti hu. Għalhekk, din il-Qorti ssib li għandha raġuni tajba biex taqbel mal-erba' raġunijiet li wasslu lill-ewwel Qorti biex torbot sehem l-appellant mal-ħtija fil-mewt ta' omm l-atturi, u biex tiċħad dan l-aggravju bħala mhux mistħoqq;

---

[22] Fatt li kien jidher mir-ritratti li ttieħdu fuq il-post meta ġġarraf il-bini, kif xehed il-perit tekniku fl-eskussjoni tiegħu f'paġ. 613 tal-proċess

50. Illi għalhekk, l-aggravji kollha tal-appellanti fl-appelli inċidentali tagħhom mis-sentenza appellata ma jirriżultawx li huma mistħoqqa u mhux sejrin jintlaqgħu;

***Deċide:***

51. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-appell billi:

**Tiċħad l-appelli inċidentali** tal-intimati Raymond Calleja, Carmel Raymond Micallef f'ismu proprju u għan-nom ta' RC Construction Limited, u l-Perit Arkitett Philip Azzopardi, u tikkonferma għal kollox is-sentenza appellata mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet premessi fis-16 ta' Mejju, 2014; u

**Tordna** li kull wieħed mill-appellanti jħallas l-**ispejjeż tal-appell** rispettiv tiegħu, b'dan li l-ispejjeż tal-kawża fl-ewwel grad jibqgħu kif maqtugħa mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Joseph R. Micallef
Imhallef

Tonio Mallia
Imhallef

Deputat Registratur
rm